**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Ottubru, 2015**

**Talba Nru: 434/15 DMA**

**Paul Zammit**

**Vs**

**Bonds Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Mejju, 2015 fejn l-attur talab '*I have bought a kitchen with am magic corner costing six hundred Euro (€600). Since the beginning it is not opening and closing. Bonds came to fix it a couple of times but it is getting worse. Contacted Bonds past 2 months but they are not sending any repairman. To note I am still under warranty.*'

Is-socjeta' konvenuta pprezentat risposta fis-6 ta' Lulju, 2015 fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament, id-*dies a quo* tad-dekadenza tat-terminu stabbilit fis-sub-inciz (2) tal-artikolu 1431 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa individwat fil-mument tal-iskoperta tad-difett jew inkella mill-mument illi fih ir-rikorrent seta' intebah bid-difett u dan bl-uzu ta' diligenza ordinarja. Illi kif staqrr ir-rikorrent stess fit-talba tieghu, d-*dies scientiae* u cioe' il-jum li fih gie definittivament accertat id-difett kien '*since September 2013'* u '*since the beginning'* ossia fiz-zmien meta inxtrat il-*magic corner* mertu tal-azzjoni odjerna fil-31 ta' Lulju, 2013 (vide l-istima annessa bhala Dok 'A'). Ghalhekk it-talba rikorrenti hija preskritta peress illi l-perjodu statutorju ta' sitt (6) xhur minn meta huwa seta' jittenta b'success l-azzjoni ghal vizzju mohbi lahaq idekorra;

2. Illi minghajr kull pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, t-talba rikorrenti ghandha tigi respinta bl-ispejjez peress illi l-mobbli mibjugha kienet hielsa minn kwalunkwe vizzju mohbi kif jista' jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi minghajr kull pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, is-somma mitlubha hija in ogni caso esagerata peress illi r-rikorrent hallas is-somma ta' erba' mija u ghoxrin ewro (€420) ghall-*magic corner* u mhux sitt mitt Ewro (€600) kif mitlub.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permess mill-ligi.

L-attur xehed u spjega kif il-parti tal-kcina li fuqha fetah il-kawza minhabba li hija miksura kien ilu jinforma biha lis-socjeta' attrici. Pero din minkejja li baghtet persuni biex tirrangha din baqghet imkissra.

Xehed rapprezentant tas-socjeta' konvenuta fejn allega illi din il-parti inkisret minhabba biss zejjed mitfugh fuqha.

It-Tribunal wara li semagha z-zewg partijiet iqies bhala veritiera l-verzjoni tal-attur. Ghalhekk jaqta u jiddecidi l-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u jilqa' t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta' erba' mija u ghoxrin ewro (€420) peress illi kien hemm tnaqqis fuq il-hlas tal-parti tal-kcina.

Ghalhekk jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u ghoxrin ewro (€420) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tal-avvizz sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tas-socjeta' konvenuta

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**